# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 500/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clodomiro Mejlak**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Clodomiro Mejlak, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 195461M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xhur ta' Marzu 2016, April 2016, Mejju 2016, Gunju 2016 u Lulju 2016 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas milli jaghti lil Alicia Laquio Mejlak, is-somma ta' €200 iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien

hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena ta' xaghrejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clodomiro Mejlak, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma in kwantu ghall-htija, hija tbiddel il-piena inflitta ghal wahda iktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-kwerelanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-avukat tal-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-manteniment dovut lil parti civile skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;